# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 243/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**DC**

**U**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' DC u CC datat 6 ta' May 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) gewwa l-Parrocca ta' San Gwann tas-Salib f'Ta' Xbiex u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn u anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, L, li llum ghandu X, u B, li lllum ghandu Y- il sena;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan skont ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv min-Nutar Dottor Henri J Vassallo, hawn anness u mmarkat bhala Dok B, liema kuntratt gie emendat permezz ta' att appozitu redatt min-Nutar Dottor Roland Wadge data il-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), hawn anness u mmarkat bhala Dok C;*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment, jew spejjez ohra, b'dan illi r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda arretrati dovuti fir-rigward ta' manteniment jew spejjez ohra dovuti ai termini tal-klawsola numru tlettax (13) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi;*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin, huma ilhom jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi qed jigi annessi mar-rikors odjern affidavits tal-partijiet, hawn annessi u mmarkati bhala Dok D1 u D2 rispettivament;*

8. *Illi l-partijiet jiddikjaraw illi ghajr ghall-provi prodotti u annessi ma' dan ir-rikors, huma ma ghandhom l-ebda provi aktar x'jipproducu.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tas-17 ta' Gunju 2022 li permezz taghha l-partijiet stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DC xehed** (vide affidavit fol 30) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-30 ta' Ottubru 2004 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Marzu 2019 fl-atti tan- Nutar Dr Henri Vassallo, izda kienu ilhom separati de facto sa mis-sena 2018. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**CC xehdet** (vide affidavit fol 31) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Ottubru 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 2000/2004 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Henri Vassallo nhar l-20 ta' Marzu 2019 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2000/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**